KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 347**

**Il-Ħamis 28 ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Dr Alessia Psaila Zammit – Sindku
Il-Perit Julian Borg – Viċi Sindku
It-Tabib Dr Mark Anthony Vassallo – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresjediet il-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet billi s-Sindku u l-Kunsilliera sellmu l-memorja tas-Sur Eusebio Buhagiar ex-membru tal-Kunsill tas-Siġġiewi u bniedem attiv ħafna fil-ħajja tal-komunita' tas-Siġġiewi. Il-Kunsill offra l-kondoljanzi lil familja u l-qraba tas-Sur Buhagiar u saret minuta silenzju.

**347.1 Diskussjoni dwar Applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar numru PA6889/17 "proposed extension of outdoor catering area on public open space comprising of tables, chairs and extension to existing pavement" fi Triq San Nikola**

347.1.1 Peress li kien hemm numru ta' residenti għal din is-seduta s-Sindku talbet li l-laqgħa tkun sospiża sabiex ir-residenti jingħataw il-kelma. Il-Laqgħa tkompliet fis-7pm. Is-Sindku sostniet li wara li semgħat lir-residenti l-Kunsill għandu joġġezzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar fuq numru ta' punti fosthom; tnaqqis ta' parkeġġ, kwistjoni ta' preċident fuq jekk ifeġġu bars jew stabbilimenti kummerċjali oħra u li minħabba din il-proposta ta' żvillupp se jitnaqqas d-daqs tal-loading bay li hu ntenzjonat li jilqa' fih vetturi kbar li jissuplixxu lill-ħanut tal-grocer bil-prodotti.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar filwaqt li qal li jissimpatizza mar-residenti fuq inkonvenjenti li jista' jkun hemm qal li ma jħossx li għandu jkun hemm oġġezzjoni meta ftit iktar l-isfel minn dan il-bar partikolari hemm ażjendi oħra li għandhom tali żvillupp.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li ma taqbilx li l-iżvillup li qed jissemma mill-Kunsillier Cassar għandu konnessjoni jew huwa bħall-applikazzjoni li hemm illum u li l-kunsill għandu joġġezzjona biex ma jinħoloqx preċedent għal quddiem.

Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo li daħal fil-kamra fis-7.10pm qal li l-Kunsill għandu jżomm mal-pożizzjoni li dejjem kellu u li allura għandu joġġezzjona għal dan l-iżvillupp.

Il-Viċi Sindku Julian Borg qal li d-deċiżjoni finali dwar il-proġett propost m'hix tal-Kunsill iżda tal-Awtorita tal-Ippjanar u għalhekk ma jara xejn ħażin li l-Kunsill iressaq oġġezzjoni li tirrifletti it-tħassib tan-nies. Hu saħaq li jekk issir *objection* għandu jkun hemm imniżżel dawn il-punti ta natura teknika; għandha tintalab UIF contribution aktar għolja, li jitħalla spazzju ta' 1.3metri bankina għal-użu tan-nies, u li r-railing tal-platform f'każ li l-permess jingħata tkun magħmula b'mod li jkun jista' jinqala. Il-Viċi Sindku irrimarka wkoll li fuq l-aplikazzjoni m'hemx imniżżel il-materjal li ser jintuża għal dan l-ispazju u din għandha tkun nota fis-sottomissjoni għall-oġġezzjoni li jagħmel il-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Dominic Grech filwaqt li żamm ma dak li kien qal fis-seduta preċedenti żied jgħid li għandu jkun hemm distinzjoni fid-diskussjoni dwar il-bankina proposta u l-issue tal-istorbju, peress li l-Awtorita kompetenti fir-rigward ta' disturbanza publika hi l-Puluzija u mhux il-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar saħaq li meta tkun ser titressaq fuq l-Aġenda punt kontroversjali ta' dan it-tip b'rispett bejn il-kunsilliera kif dejjem ġara għandu jkun hemm komunikazzjoni bejn is-Sindku u l-Minority Leader. Hu tenna li jifhem pero li din hija materja ta' prassi u mhux proċedura obligatorja. Huwa saħaq li peress li ftit aktar l-isfel minn dan l-iżvillupp propost diġa jeżisti l-istess kunċett ma jistax jifhem għalfejn wieħed għandu joġġezzjona għal dan l-iżvillupp. Tkun inkonsistenza bejn applikazzjoni u oħra jekk issir oġġezzjoni saħaq il-Kunsillier Clayton Cutajar.

Is-Sindku tenniet li hija dejjem miftuħa għall-diskussjoni mal-kunsilliera u meta wieħed jara materja fuq l-aġenda li jħoss li għandu jistaqsi dwarha, jista' jagħmel dan. Tenniet li hu mportanti li l-Kunsilliera jaraw sew l-aġenda u jistgħu jikkuntatjawha qabel l-laqgħa jekk ikun hemm xi materja li jixtiequ jsaqsu dwarha.

Wara d-diskussjoni is-Sindku talbet għal vot fuq jekk għandhiex issir oġġezzjoni mal-Awtorita' jew le.

Voti Favur li ssir oġġezzjoni: 4
Voti Kontra li ssir oġġezzjoni: 3
Astenzjonijiet: 0

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Konfermati, illum 30 t' Ottubru 2017.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |